MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 24/2020 LM

**Jean Luke Azzopardi (K.I. nru 11094G)**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**BNF Bank p.l.c. (C 41030)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **BNF Bank p.l.c. (C 41030) ġià Banif Bank (Malta) p.l.c.** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru']

mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2020, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-ilment tar-rikorrent **Jean Luke Azzopardi (K.I. nru 11094M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] sakemm kompatibbli u fil-limiti ta' dik id-deċiżjoni, filwaqt li a tenur tas-subinċiż (i) tal-para. (ċ) tas-subartikolu 26(3) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta jordna li s-soċjetà appellanta għandha tbiddel l-imġiba tagħha skont is-segwenti:

***"Għal dak li hu rimedju, l-Arbitru għandu ftit tal-limitazzjoni minħabba li ma ingħatax informazzjoni biżżejjed mill-partijiet, fosthom, kemm hu l-ammont ta' flus li qed jiġi mogħti lill-ilmentatur minn ommu mill-paga kull xahar.***

***Jekk dak l-ammont ma jaqbiżx is-somma ta' €698.81 kull xahar, allura, il-Bank għandu jirrilaxxa l-ammonti kollha li hemm fil-kont tal-ilmentatur. F'każ li l-ammont kull xahar qabżu jew jaqbżu dan l-ammont, jekk il-Bank għandu xi dubju, allura, għandu jitlob direzzjoni mill-Qorti u jimxi ma' dik id-direzzjoni.***

***Jekk ikun il-każ, il-Bank għandu jagħmel dan fi żmien ġimgħa minn din id-deċiżjoni u jinforma lill-ilmentatur bl-eżitu tad-direzzjoni tal-Qorti.***

***L-ispejjeż ta' dan il-każ huma għall-provditur tas-servizz."***

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw flus depożitati f'kont bankarju miżmum f'isem l-appellat mas-soċjetà appellanta. Jirriżulta li fis-25 ta' Settembru, 2017 l-appellat kien ikkomunika permezz ta' ittra[1] tal-avukat difensur tiegħu mas-soċjetà appellanta, fejn ilmenta li din ma kinitx qiegħda tawtorizzah jiżbanka flus minn dak il-kont. Is-soċjetà appellanta kienet wieġbet permezz ta' ittra tas-26 ta' Settembru, 2017[2], fejn informatu li l-iżbank ma kienx qed jitħalla jsir peress

[1] Ara r-riferiment fl-ittra tas-soċjetà appellanta, kopja *a fol.* 9 tal-atti tal-arbitraġġ.
[2] Kopja *a fol.* 9.

li l-flus fil-kont intestat f'ismu kienu fil-fatt jappartjenu lil ommu Carmela sive Karen Nowak, u dan skont l-informazzjoni li għadda huwa stess, u li kienu milquta minn għadd ta' mandati ta' sekwestru[3] maħruġa mill-Qrati u notifikati lill-istess soċjetà appellanta. L-appellat għal darb'oħra kkomunika mas-soċjetà appellanta permezz tal-avukat difensur tiegħu permezz ta' ittra tad-28 ta' Settembru, 2018, iżda din ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha fl-ittra tad-19 ta' Novembru, 2018.[4]

## <u>Mertu</u>

3. Għalhekk l-appellat ippreżenta lment quddiem l-Arbitru fit-12 ta' April, 2019, fejn filwaqt li ppremetta li huwa għandu kont bankarju mas-soċjetà appellanta u li huwa kien jirċievi fih flus regolarment mingħand ommu, iddikjara li l-istess soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda tippermettilu li jiġbed flus minn dan il-kont, u dan allegatament għaliex kien hemm *in vigore* mandat ta' sekwestru maħruġ fil-konfront ta' ommu.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-2 ta' Novembru, 2017 billi sostniet li hija dejjem aġixxiet *in buona fede* u fuq ordnijiet tal-Qorti, u dan filwaqt li eċċepiet li l-Arbitru ma kienx kompetenti sabiex jisma' l-ilment tal-appellat.

---

[3] Ara kopji *a fol.* 36 *et seq.*
[4] Kopja *a fol.* 8.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Fid-deċiżjoni appellata l-Arbitru kkonsidra dan li ġej bħala rilevanti għall-appell odjern:

***"Jikkonsidra***

***Eċċezzjoni Preliminari dwar kompetenza***

*Il-prodvitur tas-servizz jgħid li l-Arbitru m'għandux kompetenza jisma' dan il-każ għaliex '*peress li l-flejjes mhux qed jiġu rilaxxjati lill-ilmentatur stante li kif jikkonferma hu stess ommu "NN" née "NN" kienet tuża dan il-kont u liema "NN" hija sekwestrata f'numru ta' mandati ta' sekwestru u b'liema mandati l-Bank esponenti ġie notifikat bihom bħala sekwestratarju u għalhekk huma biss il-Qrati kompetenti li ħarġu dawn l-istess mandati li jistgħu jiddeċiedu dwar jekk il-Bank għandux jirrilaxxa l-flejjes in kwistjoni jew le lill-ilmentatur'*.*

*L-Arbitru ma jaqbel xejn mal-provditur tas-servizz f'dan ir-rigward u jiddeċiedi li għandu kompetenza jisma' dan l-ilment għal dawn ir-raġunijiet:*

*Qabel xejn, l-Arbitru jenfasizza li l-kompetenza tiegħu toħroġ mill-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta li hi l-liġi speċjali li waqqfitu u li ddefinixxietlu l-kompetenza li għandu jkollu, u wkoll tgħid meta l-Arbitru m'għandux kompetenza. L-Arbitru għandu l-kompetenza jisma' ilmenti mressqa quddiemu minn* 'klijent eligibbli.' *(fn. 1* **19** (1) Għandha tkun il-funzjoni primarja tal-Arbitru li jittratta **ilmenti mressqa minn klijenti eliġibbli** permezz tal-mezzi ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 24, u fejn ikun meħtieġ b'investigazzjoni u li jara li tingħata deċiżjoni fuq l-ilment imressaq.) Il-liġi tiddefinixxi 'klijent eliġibbli' bħala:

'"klijent eliġibbli" tfisser klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji. Tinkludi wkoll is-suċċessur legali fit-titolu għall-prodott finanzjarju li jkun soġġett għall-ilment rilevanti'.

*M'hemmx dubju li l-ilmentatur huwa konsumatur ta' provditur ta' servizzi finanzjarji li f'dan il-każ huwa l-Bank de quo. Għalhekk, l-ilmentatur seta' jressaq dan l-ilment.*

*Il-Kap. 555 izid jgħid li:*

'21(1)(b) L-Arbitru għandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imġiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun seħħet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara ...'

*Lanqas m'hemm kwistjoni dwar dan għaliex l-ilmentatur ressaq l-ilment tiegħu fiż-żmien stipulat fil-liġi kif jipprovdi l-Artikolu 21(1).*

*Għalhekk, jibqa' biss jekk hemmx l-inkompetenza kif kontemplata fl-Artikolu 21(2) tal-Kap. 555 li jipprovdi hekk:*

'L-Arbitru għandu jirrifjuta li jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt dan l-Att meta:

(a) l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soġġetta għal **kawża** *(fn. 2 Enfasi tal-Arbitru)* quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed tagħmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu:

*F'dan il-każ, il-provditur tas-servizz ma ġab l-ebda prova li:*

*L-imġiba tal-provditur tas-servizz li dwarha qed isir l-ilment hi jew kienet soġġetta għal xi* ***KAWŻA*** *quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-ilmentatur u li tkun dwar l-istess mertu tal-ilment.*

*Għalhekk jidher ċar li filwaqt li l-provditur tas-servizz qajjem din l-eċċezzjoni ma ġab l-ebda prova dwarha u lanqas biss indika l-provvediment tal-liġi li, skont hu, teskludi l-kompetenza tal-Arbitru.*

*Kif ser jiġi ttrattat fid-dettall fil-mertu, is-sekwestri li jagħmel referenza għalihom il-provditur tas-servizz ma ħarġux fil-konfront tal-ilmentatur jew dwar il-kont in kwistjoni, iżda kontra ommu li hija persuna legalment distinta minnu. Tant hu hekk, li lanqas biss ġie notifikat bihom.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru qed jiċħad din l-eċċezzjoni u jiddeċiedi li għandu kompetenza jisma' dan l-ilment.*

***Il-Mertu***

***L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-ilment b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ. (****fn. 3 Kap. 555, Art. 19 (3)(b))*

***Il-Verżjoni tal-Ilmentatur***

*L-ilmentatur xehed (fn. 4 A Fol. 33-34) li l-kont bankarju in kwistjoni huwa tiegħu u fetħu hu f'ismu personali. Jgħid li ommu kienet tagħtih il-paga bħala* donation *u hu kien qed jitfagħhom f'dan il-kont in kwistjoni. Darba minnhom mar jiġborhom u l-Bank ma tahomlux. Jgħid li dan il-kont hu ma kienx jużah, però, kien jitfa' l-flus fih. Jgħid li meta fetaħ il-kont kien tefa' xi ħaġa żgħira tal-flus fih. Jgħid li wara li kien kiteb lill-*

*Bank permezz tal-avukat Joshua Grech, il-Bank ma kienx tah risposta għalfejn kienu qed iżommulu flusu.*

*Anke meta mar il-Bank flimkien mal-Avukat Dr Carmelo Galea, l-impjegata tal-Bank lanqas riedet tagħtih kopja tal-ittra li l-Bank kien kiteb lill-avukat preċedenti tiegħu.*

*Il-Bank kien irrisponda l-ittra tal-avukat tiegħu tat-28 ta' Settembru 2018, fis-17 ta' Novembru 2018. In kontro-eżami, jgħid li f'dan il-kont daħlu bħala* bank transfer *mill-*employer *t'ommu il-paga tagħha. Jgħid li ommu kienet qed tagħtih il-flus għax hu kien tifel waħdu u dawn ommu tathomlu bħala donazzjoni. Ommu għandha* part-time job*. Huwa kien mar jiġbed il-flus għaliex ried jagħmel kuntratt finali u kellu bżonn il-flus.*

***Il-Verżjoni tal-Provditur tas-Servizz***

*Il-provditur tas-servizz ta l-verżjoni tiegħu kemm fir-risposta għall-ilment kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet. Xhieda ma ressaqx.*

*It-teżi tal-Bank fil-qosor hija din:*

*Illi jeżistu żewġ mandati ta' sekwestru kontra omm l-ilmentatur.*

*Illi omm l-ilmentatur kienet qed tgħaddi l-paga tagħha lill-ilmentatur u dan kienet qed tagħmlu għaliex, kif ammess mill-istess ilmentatur fl-ittra tal-avukat tiegħu, Dr Joshua Grech, tat-28 ta' Settembru 2018, dan it-trasferiment ta' flus kien qed isir għax peress li kienet milquta minn sekwestru u ma setgħetx tagħmel użu bil-flus li ddaħħal, hija kienet qed tuża parti mill-paga biex tgħix biha u l-kumplament tal-flus tgħaddihom lil binha bħala donazzjoni.*

*Filwaqt li l-Bank jikkonferma li l-mandati ta' sekwestru kienu fil-konfront tal-omm, tant li esebixxa kopja tagħhom, però, jgħid li* 'mhuwiex qiegħed jawtorizza l-iżbank tal-flejjes in kwistjoni sabiex ma jkunx qiegħed jaġixxi bi ksur tal-ordni tal-Qrati relattivi li ħarġu l-mandati ta' sekwestru konċernati'. *(fn. 5 A Fol. 45)*

*Jgħid ukoll li kif xehed l-ilmentatur ommu kienet qed tiddepożita l-paga tagħha kull xahar fil-kont tat-tifel in kwistjoni u dan permezz ta'* bank transfer *li kien qiegħed isir mill-prinċipal tagħha għall-kont in kwistjoni.*

*Il-Bank iżid jissottometti li ġaladarba l-mandati kontra omm l-ilmentatur għadhom in vigore, hu ma jridx jikser xi ordni tal-Qorti u, għalhekk, qal lill-ilmentatur sabiex dan tal-aħħar iġib digriet mill-Qorti li jawtorizzah jiżbanka l-flejjes in kwistjoni inkella li ommu tottjeni kontro-mandat fir-rigward tas-sekwestri li kellha kontriha.*

*Il-Bank jgħid ukoll li omm l-ilmentatur kienet qed tagħmel użu mill-kont in kwistjoni.*

*Fis-sottomissjonijiet legali tieghu, il-provditur tas-servizz jispjega li hemm żewġ sekwestri kontra omm l-ilmentatur u hu ma riedx jieħu sogru li jiksirhom, u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12 u li l-mandati ta' sekwestru de quo kollha jimponu l-ordni fuq il-Bank li ma jirrilaxxjax flus li jistgħu jinsabu għandu u li huma ta' omm l-attur.*

*Jgħid ukoll li ma riedx jeħel danni dwar dan kif kontemplat fl-Art. 378 tal-Kap. 12.*

*Iżid li kien a bażi ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi li l-istess Bank iddeċieda li ma jirrilaxxax il-flejjes in kwistjoni lill-ilmentatur li kien ikkonferma mal-Bank stess li ommu kienet qed tpoġġi l-flus tagħha fil-kont in kwistjoni.*

*Il-Bank jiddubita kemm il-flus kienu qed jingħataw lill-ilmentatur b'donazzjoni u jgħid li ġaladarba l-ilmentatur jiflaħ jaħdem, jiddubita li dan it-trasferiment ta' flus qed isir biex ommu taħrab l-effetti tal-mandati li hemm kontriha.*

*Il-Bank isostni li għalkemm l-ilmentatur jgħid li dawn il-flus ingħataw lilu b'donazzjoni xorta waħda qabel kienu in toto flus ommu u għamlet użu minnhom u lilu tatu li kien jibqa'.*

*Finalment, jissottometti li l-Bank* 'ma kellux triq oħra għajr li jżomm il-flejjes in kwistjoni u ma jirrilaxxax l-istess sakemm is-sitwazzjoni tiġi kjarifikata mill-Qrati kompetenti'. *(fn. 6 A* fol. *50)*

***Konsiderazzjonijiet Oħra***

*Ir-raġuni li jagħti l-Bank sabiex ma rrilaxxax il-flus mill-kont tal-ilmentatur hija li l-flus li l-*employer *ta' "NN" qed jgħaddi lill-ilmentatur hija l-paga tal-istess "NN" li hija milquta b'żewġ sekwestri u l-Bank huwa wieħed mis-sekwestratarji. Il-Bank jgħid li hu jrid josserva dawn iż-żewġ mandati sabiex ma jiksirx l-ordni tal-Qorti u sabiex ma jkunx responsabbli għal xi ħlas ta' danni.*

*Però, jirriżulta mill-atti li l-mandati li ġew esebiti mill-Bank huma mandati maħruġin f'isem omm l-ilmentatur u m'hemm l-ebda mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-ilmentatur. Dan ifisser li l-Bank m'għandu l-ebda ordni sabiex il-kont tal-ilmentatur jigi iffriżat. Għalhekk, dak li jgħid il-Bank - li mhux qed jawtorizza l-iżbank biex ma jiksirx ordni tal-Qorti - huwa bla bażi legali għaliex il-Bank m'għandu l-ebda ordni tal-Qorti biex jiffriża kont li mhux milqut mis-sekwestri.*

*L-ilmentatur xehed li l-flus li kienet qed tgħaddilu ommu kienu ġejjin mill-paga tagħha.*

*L-Arbitru jinnota li skont l-Artikolu 381 moqri flimkien mal-Art. 382 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont ta' €698.81 fix-xahar mill-paga tal-omm l-ilmentatur, ma humiex sekwestrabbli għaliex il-leġislatur ried li min ikun milqut minn sekwestru jkollu*

*dħul diċenti sabiex jgħix. L-omm għandha* part-time job *u, mid-dehra, qed tgħix b'dak li taqla' minn dan ix-xogħol. Ġaladarba l-liġi tipproteġi flus l-omm sa €698.81, din tista' tagħmel li trid bihom inkluż li tagħtihom lil binha. Għalhekk, sa dan l-ammont la l-*employer *u lanqas omm l-ilmentatur m'huma jiksru l-ordni tal-Qorti għaliex is-sekwestru jolqot kwalunke somma 'l fuq minn dak l-ammont. U l-Bank m'ghandu l-ebda ordni ta' Qorti sabiex ikun hu li jissekwestra dan l-ammont li lanqas huma f'xi kont tal-omm iżda fil-kont ta' binha. Lanqas il-Qorti ma tista' tordna s-sekwestru ta' dan l-ammont għaliex dan huwa protett mil-liġi kif intqal aktar 'il fuq.*

*Il-Bank isemmi wkoll li kien qed jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-premessa legali li kien qed josserva l-Artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12. Però, dan l-Artikolu ma japplikax fir-rigward tal-ilmentatur għax kif ingħad m'huwiex milqut mis-sekwestri li ħarġu fil-konfront t'ommu.*

*Filwaqt li l-partijiet daħlu fi kwistjonijiet li m'humiex rilevanti għal dan il-każ, bħal, pereżempju, jekk il-formalità o meno tad-donazzjoni hijiex korretta jew le, naqsu jinfurmaw lill-Arbitru kemm hu l-ammont jew ammonti li l-*employer *qed jgħaddi lill-ilmentatur fuq ordni ta' "NN".*

*Sakemm dawn l-ammonti ma jaqbżux is-€698.81 fix-xahar, mhu qed jinkiser l-ebda sekwestru u omm l-ilmentatur għandha kwalunkwe dritt tgħaddi lil binha flus li m'humiex sekwestrati; l-aktar, kif qal l-ilmentatur stess, li ommu għandha* part-time job *u tista' tgħix bl-introjtu minnu.*

*Il-provditur tas-servizz jgħid li skont ma kien kiteb l-avukat preċedenti tal-ilmentatur, saret dikjarazzjoni li omm l-ilmentatur kienet qed tgħaddilu l-flus għaliex kienet milquta b'sekwestri. Però, l-Arbitru jinnota li din il-frażi mill-ittra tal-avukat preċedenti tal-ilmentatur, hekk kif ikkwotata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank, hija meħuda barra l-kuntest tagħha. L-omm, fir-realtà, kienet qed tgħid li peress li l-użu tal-flus għaliha kien ristrett hija xtaqet li dak li ddaħħal mill-paga tgħaddih lil binha bħala donazzjoni.*

*U l-Arbitru jemmen li qed isir dan bħala donazzjoni għaliex meta l-ilmentatur mar biex jiġbed il-flus riedhom kollha f'daqqa għaliex kien għamel konvenju u ġie bżonn il-flus. M'hemm l-ebda xhieda kuntrarja għal dan. Dan juri li l-ilmentatur kien verament sar il-proprjetarju tal-flus li kienet għaddietlu ommu u, mhux kif donnu jgħid il-Bank, li l-omm qed tinqeda bil-kont ta' binha biex taħrab is-sekwestru.*

*L-Arbitru jqis ukoll li l-Bank jgħid li qed '*jissuspetta*' dan, u ma ġab l-ebda prova biex jissustanzja dan id-dubju.*

***Min ikollu f'idejh flus ħaddiehor, kif għandu l-Bank bħalissa fil-konfront tal-ilmentatur, għandu respsonsabbiltà kbira li jaġixxi bl-aktar mod professjonali; u***

***biex ikun jista' jissekwestra flus kif qed jagħmel il-Bank bħalissa, jrid jaġixxi fuq bażi legali soda u jkollu ordni tal-Qorti biex jagħmel dan. Fil-konfront tal-ilmentatur m'hemm ebda ordni ta' Qorti f'dan ir-rigward.***

*Barra minn hekk, irid jitħares prinċipju bażiku ieħor. Hija prassi kostanti bankarja li l-proprjetarju ta' kont hija dik il-persuna li fuq isimha jkun il-kont. Tant hu hekk, li l-bank ma jista' jagħti l-ebda tagħrif fuq kont lanqas lil wieħed mill-konjuġi fi żwieġ fuq konjuġi ieħor, jew tagħrif lill-ġenituri fuq kontijiet ta' uliedhom jew viċi versa. Barra minn hekk, anke ulied, li skont il-liġi għadhom m'humiex maġġorenni, jista' jkollhom kont bankarju jekk ikunu laħqu l-età ta' sittax-il sena u, ġaladarba jiftħu dak il-kont, ħadd ma jkun jista' jamministrah ħliefhom.*

*Dan joħroġ mill-Artikolu 971 A tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:*

'Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi, tifel li jkun għalaq is-sittax-il sena jista' jiddepożita flus f'kont f'bank miftuħ mit-tifel f'ismu, u kull flus depożitati f'kull kont bħal dak jistgħu jkunu rtirati biss minn dak it-tifel minkejja li dawk il-flus jistgħu jkunu suġġetti għall-amministrazzjoni, użufrutt jew awtorità ta' xi persuna oħra. Għall-finijiet kollha tal-liġi, tifel, dwar il-ftuħ u tħaddim ta' xi kont bħal dak, jitqies li hu tal-età.'

*Dan huwa eżempju wieħed ta' kemm huwa partikolari kont bankarju għal dik li hi proprjetà tiegħu.*

*Għalhekk, il-prattika li ntużat mill-Bank m'hija xejn ortodossa. L-Arbitru jidhirlu wkoll li l-prattika li uża l-Bank ma kinetx waħda legalment korretta għaliex il-Bank m'għandu l-ebda ordni mill-Qorti biex jiffriża l-kont tal-ilmentatur.*

*Il-Bank ma joffrix konfort lill-Arbitru dwar ir-raġunijiet legali li sostna għaliex l-unika raġuni legali li ġab kienet dik li ried jobdi l-ordni li tat il-Qorti fil-konfront taż-żewġ sekwestri li kellha kontriha omm l-ilmentatur, iżda mingħajr ma jġib xi prova jew jagħti raġuni legali soda kif dawk is-sekwestri kienu jolqtu lill-ilmentatur li ma kellu x'jaqsam xejn mad-debiti li seta' għandha ommu.*

*Għalhekk il-Bank mhux korrett li jgħid li kien qed jimxi a bażi tal-Art. 376(2)(d) tal-Kap. 12, għax dan l-Artikolu ma japplikax għall-ilmentatur imma għal ommu. Il-Bank ma kellu l-ebda ordni mill-Qorti sabiex jiffriża l-kont tal-ilmentatur. Dik kienet deċiżjoni li ħa l-Bank unilateralment mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti u għamilha ta' Qorti hu stess.*

*Lanqas mhu ġustifikat li l-Bank jgħid lill-ilmentatur sabiex imur il-Qorti u jitlob xi forma ta' awtorizzazzjoni mill-Qorti biex ikun jista' juża l-flus fil-kont tiegħu meta l-ilmentatur mhux parti fil-proċeduri tal-mandati li għandha kontriha ommu.*

*Ġaladarba l-Bank kellu dubju jekk kellux jiffriża l-kont tal-ilmentatur, allura, messu mar hu l-Qorti u talab direzzjoni mill-Qorti u mhux jitfa' l-piż fuq l-ilmentatur meta kien l-istess Bank li ħa d-deċiżjoni li jiffriżalu flusu mingħajr ma kien hemm l-ebda sekwestru fil-konfront tiegħu.*

*Għalhekk, l-Arbitru jqis li d-deċiżjoni li ħa l-Bank, li minn jeddu u mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti, jiffriża l-kont tal-ilmentatur mertu ta' dan il-każ, kienet waħda żbaljata u assuma poteri legali li ma kellux. F'każ ta' dubju messu ħa direzzjoni mill-Qorti.*

***Dan iwassal lill-Arbitru jiddeċiedi li l-imġiba tal-provditur tas-servizz ma kinetx korretta u jħoss li l-ilment huwa ġust, ekwu u raġonevoli u ser jilqgħu sakemm huwa kompatibbli u fil-limiti ta' din id-deċiżjoni."***

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fit-13 ta' Lulju, 2020 intavolat appell, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka dik id-deċiżjoni, billi tiċħad l-ilment tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha. Tgħid li l-aggravji tagħha huma tnejn: (i) l-Arbitru ma kellux jiddeċiedi li jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tagħha u li għalhekk huwa għandu l-kompetenza jisma' u jiddeċiedi l-proċeduri odjerni; (ii) l-Arbitru interpreta b'mod żbaljat il-liġi u l-fatti relattivi.

7. L-appellat wieġeb fit-3 ta' Awwissu, 2020 fejn isostni li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellat kif magħmula fit-tweġiba tiegħu u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

9. Tibda bl-ewwel aggravju li jolqot proprju l-kompetenza tal-Arbitru. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Arbitru ddeċieda li huwa kien kompetenti sabiex jisma' u jiddeċiedi l-ilment, għaliex qies li l-appellat huwa klijent eliġibbli, u l-mertu jirrigwarda l-imġiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju, u dan filwaqt li huwa ċċita s-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555 in sostenn tad-deċiżjoni tiegħu. Tirrileva li l-Arbitru sab ukoll li s-soċjetà appellanta ma kienet ġabet l-ebda prova li l-appellat kien istitwixxa proċeduri quddiem qrati oħra fil-konfront tagħha, iżda tissottometti li hija kienet uriet li kien hemm żewġ mandati ta' sekwestru *in vigore,* u tgħid li din il-prova ma kienet ġiet bl-ebda mod kontradetta. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Arbitru hawn kien naqas milli japprezza ċ-ċirkostanzi tassew partikolari ta' dan il-każ, u anki l-effetti tal-istess mandati. Tgħid li l-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-interpretazzjoni u l-applikabbiltà ta' ordni mogħtija minn Qorti permezz tal-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestru fir-rigward tal-flus ta' omm l-appellat li jinsabu depożitati fil-kont tal-istess appellat mas-soċjetà appellanta. Tirrileva li l-Kap. 555 tassew ma jipprevedix sitwazzjonijiet partikolari bħal dik odjerna, iżda l-Kap. 12 huwa ċar fejn jipprovdi li flejjes li huma soġġetti għal mandat ta' sekwestru jistgħu jiġu rilaxxjati biss wara rikors mill-parti konċernata quddiem il-Qorti kompetenti, u hawn tagħmel riferiment għall-artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12, u anki għall-artikolu 383 tal-istess

liġi. Is-soċjetà appellanta sostni li b'hekk fiċ-ċirkostanzi odjerni, l-Arbitru m'għandux il-kompetenza biex ibiddel ordni ta' Qorti u saħansitra jagħmel interpretazzjoni fejn il-partijiet kollha li kienu ser jintlaqtu minn tali interpretazzjoni, ma kinux jagħmlu parti mill-proċeduri odjerni. Is-soċjetà appellanta hawn tirrileva li d-deċiżjoni appellata hija pjuttost kontradittorja, għaliex filwaqt li l-Arbitru jiċħad l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza, dan jidderiġiha sabiex tintavola l-proċeduri relattivi quddiem il-Qorti kompetenti għal direzzjoni. B'hekk ġie konfermat li hija kienet korretta u li l-Arbitru ma kellu l-ebda kompetenza. Is-soċjetà appellanta tgħid li min-naħa tiegħu l-appellat ma setax iġib l-iskuża li huwa ma kienx notifikat bil-mandati, u għalhekk huwa ressaq l-ilment tiegħu quddiem l-Arbitru, u dan għaliex wara kollox hija kienet ġiet notifikata bihom u kienet obbligata li tosservahom. Tissottometti li hawn l-appellat kien qed jagħmel tentattiv ta' *forum shopping,* azzjoni li l-Qrati ma kinux jiffavorixxu. Is-soċjetà appellanta tirrileva li d-deċiżjoni tal-Arbitru kien ser ikollha l-effett li toħloq preċedent perikoluż, billi tagħti lok għal abbuż potenzjali minn sekwestrati li jirrikorru quddiem l-Arbitru sabiex jevitaw lis-sekwestrant. Għalhekk fl-umli fehma tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li l-eċċezzjoni preliminari tagħha għandha tiġi milqugħa.

10. Skont l-appellat, dan l-ewwel aggravju mhux biss huwa infondat, iżda huwa wkoll wieħed frivolu u vessatorju. Filwaqt li l-appellat jagħmel riferiment għad-definizzjoni ta' "*klijent eliġibbli"* skont l-artikolu 2 tal-Kap. 555, u anki dik ta' *"provditur tas-servizz finanzjarji",* jgħid li skont L-artikolu 21 tal-istess liġi, il-kompetenza tal-Arbitru hija biss eskluża jekk l-imġiba lmentata tkun is-soġġett ta' kawża quddiem qorti mressqa mill-ilmentatur, u l-kawża tkun dwar l-

imsemmija mġiba. Jirrileva li fil-każ odjern, l-ebda wieħed mit-tliet rekwiżiti jinsab sodisfatt. L-appellat jissottometti li l-argumenti tas-soċjetà appellanta fis-subparagrafi li jsegwu l-paragrafu 3, m'għandhomx rilevanza għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza u għalhekk ma jarax li għandu joqgħod jaħli l-ħin ta' din il-Qorti jirribatti l-istess.

11. L-Arbitru mill-ewwel iddikjara li huwa ma kienx qed jaqbel mal-eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta. Spjega li l-kompetenza tiegħu kienet toħroġ mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 555, li kienet liġi speċjali fejn huwa għandu kompetenza li jisma' lmenti li jitressqu quddiemu minn *"klijenti eliġibbli",* u hawn huwa jagħmel riferiment għad-definizzjoni relattiva li jipprovdi għaliha l-Att, filwaqt li jiddikjara li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda dubju li l-appellat kien konsumatur ta' provditur ta' servizzi finanzjarji, li fil-każ odjern kienet proprju s-soċjetà appellanta u għalhekk seta' jressaq l-ilment tiegħu. Wara li għamel ukoll riferiment għas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555, u qal li l-ilment kien tressaq fiż-żmien stipulat, għadda sabiex investiga l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 21(2)) tal-Kap. 555, iżda ddikjara li s-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova li l-imġiba tagħha kienet soġġetta għal kawża quddiem qorti jew tribunal kif magħmula mill-appellat, dwar l-istess mertu tal-proċeduri odjerni.

12. Il-Qorti ma taqbilx mad-deċiżjoni appellata, u tgħid li l-Arbitru ma kellu l-ebda kompetenza li jinvestiga l-ilment tal-appellat dwar l-imġiba tas-soċjetà appellanta meta hija kienet aġixxiet, kif ser naraw, in segwitu ta' ordni ta' qorti. Din il-Qorti mill-ewwel qiegħda tagħmilha ċara li mhux kull imġiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju tista' jew għandha tiġi mistħarrġa mill-Arbitru, anki

esklussivament, altrimenti l-Kap. 555 kien jagħti kompetenza assoluta, iżda l-għan ta' din il-liġi ma kienx dan.

13. Il-Qorti tgħid li fil-każ odjern il-provi huma skarsi, iżda r-retroxena li fiha issawwar l-ilment tal-appellat ma tista' bl-ebda mod tiġi skartata, altrimenti wieħed jaqa' fl-iżball li għamel l-Arbitru, fejn investiga l-ilment waħdu għal dak li hu, u b'hekk wasal għal konklużjoni żbaljata.

14. Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma jistax jiġi negat il-fatt li l-ilment tal-appellat isib l-għeruq tiegħu fiż-żewġ mandati ta' sekwestru maħruġa rispettivament mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fil-konfront ta' ommu. Ma kien ikun hemm lok għall-ebda lment mingħajr l-eżistenza ta' dawn il-mandati. Għalhekk wieħed għandu qabel xejn jagħrbel sew x'kien l-għan tal-imsemmija mandati ta' sekwestru, u jekk dawn kellhomx ukoll saħansitra implikazzjonijiet fil-konfront tal-appellat meta b'mod jew ieħor ommu wettqet tranżazzjoni ta' ħlas fil-kont tiegħu a favur tiegħu.

15. Skont dak li sostna l-appellat fl-ilment tiegħu, minkejja l-ħruġ tal-imsemmija mandati ta' sekwestru, ommu ta' kull xahar tgħaddilu ammont ta' flus mill-paga tagħha bħala donazzjoni. Iżda meta l-appellat mar biex jiżbanka dawn il-flus, is-soċjetà appellanta waqqfitu milli jagħmel dan, u dan mingħajr spjegazzjoni. Madankollu mill-ittra tas-26 ta' Settembru, 2017[5] li din tal-aħħar bagħtet lill-appellat, jirriżulta li r-raġuni għal din id-deċiżjoni kienet li skont l-informazzjoni li l-appellat stess kien għadda lis-soċjetà appellanta, il-flus fil-fatt

[5] *A fol.* 9.

ma jappartjenux lilu iżda lil ommu. Is-soċjetà appellanta spjegat li peress li kien hemm numru ta' mandati ta' sekwestru maħruġa mill-Qrati Maltin fil-konfront tagħha, u li fir-rigward tagħhom hija ma kienet irċeviet l-ebda kontromandat, is-soċjetà appellanta kienet qiegħda tikkonferma l-pożizzjoni tagħha kif diġà kkomunikata lill-appellat u anki lil ommu. Dan filwaqt li ssuġġeriet li jkun fl-interess tal-appellat li jottjeni digriet mill-Qorti sabiex b'hekk jiġi awtorizzat jiżbanka l-flus mill-kont tiegħu, jew li ommu tottjeni l-ħruġ tal-kontromandati relattivi.

16. Il-Qorti tgħid li din il-pożizzjoni kienet waħda legalment korretta. L-appellat waqt ix-xhieda tiegħu in kontroeżami[6] spjega li *"[i]l-flus f'dan il-kont kienu daħlu bħala* bank transfer *mill-*employer *tagħha lili u jgħaddili l-paga tagħha"*. Is-soċjetà appellanta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tikkonferma li dan saret tafu permezz tal-appellat stess, u wara wkoll diversi verifiki fejn irriżulta li omm l-appellat kienet milquta minn żewġ mandati ta' sekwestru. Għalhekk is-soċjetà appellanta kkunsidrat li omm l-appellat kienet fil-fatt qiegħda tagħmel użu mill-kont bankarju tal-appellat, u fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet tgħid ukoll li dan ma kienx ġie kontradett mill-appellat, għalkemm il-Qorti tinnota li dan tal-aħħar qed jikkontendi mod ieħor, jiġifieri li ommu qiegħda tgħaddilu l-flus bħala donazzjoni. Imma kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, kliem l-appellat mhuwiex daqstant konvinċenti meta l-Qorti tqis dak li ntqal fl-ittra[7] tal-avukat difensur tiegħu tad-29 ta' Novembru, 2018, u l-Qorti tħoss li hija għandha hawn tipproduċi kliemu eżatt:

---

[6] Seduta tal-11.11.19, *a fol.* 34.
[7] Kopja *a fol.* 10.

*"Rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn hija ma setgħet tagħmel l-ebda użu mill-flus li hija ddaħħal bħala paga minħabba l-eżistenza tas-sekwestru ppreżentat kontra tagħha, hija ddeċidiet li kull darba li daħħal il-paga tagħha hija tuża dik il-parti mill-paga hija tagħtiha b'donazzjoni lil binha. Din ma kinitx xi donazzjoni waħda ta' ammont inġenti ta' flus, imma sensiela ta' donazzjonijiet ta' ftit mijiet ta' euro, u xi drabi anki inqas, darba kull xahar wara li Karen Nowak tkun inqdiet għall-bżonnijiet tagħha ta' dak ix-xahar partikolari."*

17. Għalhekk kif sewwa għarfet is-soċjetà appellanta, il-flus li ġew trasferiti mingħand il-prinċipal ta' ommu fil-kont tal-appellat, ma kienu qatt tiegħu iżda kienu jappartjenu lil ommu li kienet imbagħad tħallilu biss dak li jkun jifdal wara li tħallas l-ispejjeż tal-għajxien tagħha ta' kuljum. Ġaladarba s-soċjetà appellanta kienet ġiet a konoxxjenza ta' dan kollu, u dan wara kollox permezz tal-klijent tagħha stess, sewwa għamlet li ħadet il-pożizzjoni li fid-dawl tal-obbligi tagħha skont il-liġi, li qabel ma tirrilaxxja l-flus, l-appellat kellu jiċċara l-pożizzjoni tiegħu billi jirrikorri l-Qrati li taw l-ordni għall-ħruġ tas-sekwestri rispettivi.

18. Din il-Qorti tissenjala li ġaladarba hemm mandati ta' sekwestru *in vigore* maħruġa fuq ordni ta' qorti, hekk kif dik il-qorti biss għandha s-setgħa li tħassru, għandha tkun dik il-qorti waħedha li jkollha s-setgħa wkoll li tagħti kull provvediment neċessarju fir-rigward tiegħu. Tgħid li ma jista' jkun qatt li xi awtorità oħra inkluż l-Arbitru, ikollha s-setgħa li tiddeċiedi kwalunkwe kwistjoni li tqum fir-rigward.

19. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u tilqgħu, u dan filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju dwar il-mertu, ġaladarba qed jiġi deċiż li l-Arbitru ma kellux il-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-ilment tal-appellat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta u tiċħad l-ilment tal-appellat.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**